# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 1087/2015/1/LSO**

**Avukat Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Seaboard Overseas Limited**

**vs**

**Imhallef Emeritus Dr P Sciberras bhala kuratur *ad litem* ta' Nero Shipmanagement Ltd., u b' digriet tal-15 ta' Lulju 2016 giet revokata n-nomina tal-**

**Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u gie nominat bhala sostitut l-Avukat Dr Kris Borg**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Seaboard Overseas Limited datat 29 ta’ April 2016 ;

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2016.

Rat id-digriet ta’ Qorti tal-15 ta’ Lulju 2016 (fol 68) fejn il-Qorti rat il-verbal taghha tal-14 ta’ Lulju 2016 fejn fuq talba tal-kuratur *ad litem* ser tghaddi ghas-sostituzzjoni tal-istess. Ghaldaqstant tirrevoka l-hatra tal-Imhallef Emirtus Dr Philip Sciberras u tinnoma bhala sostitut lill-Avukat Kris Borg bhal akuratur *ad litem* sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` Nero Shipmanagement Ltd f’ dawn l-atti u fl-atti kollha sussegwenti u konnessi.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2017 din il-Qorti qajmet *ex officio* punt dwar ir-regolarita' tal-proceduri odjerni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti

semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghall-4 ta' Lulju 2017 fid-9:30a.m. ghal digriet fuq il-punt sollevat *ex ufficio* minn din il-Qorti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dan huwa provvediment dwar punt li tqajjem *ex officio* minn din il-Qorti dwar ir-regolarita' *o meno* tal-proceduri odjerni.

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta' rikorrenti, (‘l quddiem imsejha 'il-kreditur’) talbet li jigi ordnat lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepozita d-differenza bejn is-somma tal-Mandat ta' Sekwestru odjern u s-somma depozitata bic-cedola tal-21 ta' Jannar 2016, u bl-imghax minn dakinhar li Rema Maritime Limited kellha tiddepozita s-somma sekwestrata.

Is-socjeta' rikorrenti qed tissejjes dan ir-rikors *a tenur* ta' l-**artikolu 378 tal-Kap. 12** li jobbliga lis-sekwestratarju sabiex, taht sanzjoni ta' responsabbilta' ghad-danni u spejjez, u sahansitra taht sanzjoni ta' arrest personali, jiddepozita l-flus u hwejjeg li ghandu f'idejh appartenenti lid-debitur sekwestrat.

Illi l-intimat nomine wiegeb a fol. 7 billi ddikjara li la hu u lanqas is-socjeta' estera Nero Shipmanagement Limited thallsu xi flus mis-socjeta' Rema Maritime Limited u billi r-rikors odjern jirrigwarda s-socjeta' sekwestratarja, m'ghandux x'iwiegeb ghar-rikors odjern.

Illi s-socjeta' sekwestratarja Rema Maritime Limited wiegbet a fol 15 fejn oggezzjonat ghad-digriet premess kif ukoll ghat-talba. Dwar it-talba odjerna eccepiet li qed titqieghed fis-sitwazzjoni ta' debitur u t-talba odjerna mhix il-mertu ta' rikors taht l-artikolu 378 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda mertu ta' kawza fejn ikunu jistghu jingiebu l-provi kollha mill-partijiet inkluz dawk dwar il-ligi Ingliza rigward il-fatti tal-kaz.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt kif applikati ghall-kaz**

Il-Qorti, mal-hrug ta' mandat ta' sekwestru, tordna lis-sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeġ li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitur, taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax. Inoltre is-sekwestratarju jigi ordnat biex jiddepożita, bi spejjeż tad-debitur fi żmien dsatax-il jum min-notifika tal-mandat, mar-Reġistratur xi flus jew ħwejjeġ li jkunu proprjetà tad-debitur, issekwestrati bil-mandat.**(Art 376(2)(d) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Mit-test ta' dan is-subartikolu, kif ukoll mill-**artikolu 378 tal-istess Kodici,** jirrizulta li l-hsieb tal-legislatur hu biex jorbot lis-sekwestratarju sabiex izomm dawk il-flus jew hwejjeg

appartenenti lid-debitur sekwestrat li huma fil-pussess tieghu. Hekk jiddisponi l**-artikolu 378** u cioe`:

*"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni".*

Illi l-kwistjoni li ghandha tigi determinata hija jekk ir-rikors odjern huwa regolarment intavolat fit-termini tal-artikolu 378 tal-Kap 12 jew jekk ir-rikorrent ghandux jipprocedi minnflok b'rikors guramentat tenut kont li l-kaz assuma aspetti kumplessi dwar gurisdizzjoni u prova ta' ligi estera sollevata mill-intimat Rema Maritime Limited, sabiex jigi stabbilit jekk din is-socjeta' kellha flejjes u beni appartenenti lid-debitur sekwestrat wara l-hrug tal-mandat ezekuttiv.

Illi inoltre jirrizulta li s-sekwestratarju effettwa depozitu ta' ammont fuq il-mandat premess. Ghaldaqstant ir-rikors odjern jimmira lejn ordni ta' depozitu ta' somma bilancjali.

Illi l-artikolu 378 jiddisponi li l-kreditur sekwestrant jista' jirrikorri ghall-procedura b'rikors kontra s-sekwestratarju

sabiex din il-Qorti toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa. Dawn l-ordnijiet huma ta' portata tant gravi u serji li jistghu sahansitra jinkludu l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, u dan biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni.

Ikkonsidrat li dan l-artikolu kien gie emendat mat-trapass taz-zmien, u d-disposizzjoni attwalment vigenti giet introdotta bl-Att XIV tal-2006 fejn allura, l-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili gja kienet taghmel distinzjoni bejn procedura b' "rikors" u dik b' "rikors guramentat"[1]. Antecedentement ghal din l-emenda, l-Kodici ma kienetx tiddisponi minn procedura simili fejn l-istqarrija tas-sekwestratarju setghet tigi impunjata b'rikors u allura procedura simili kienet issir b'citazzjoni.

**Illi skont l-artikolu 125 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta "***Fil-qrati superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ordinarjament, jitmexxa b'rikors, sija ġuramentat jew le, skont ma tgħid il-liġi*"

Inoltre **l-artikolu 161 tal-istess Kap 12** jiddisponi:

*" (1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.*

*(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi."*

[1] *Vide* Att XXII.2005.17

Ghall-kompletezza ssir referenza ghall-artikolu 164 tal-Kap 12 fejn:

***"164.*** *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.*

*(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat."*

Illi wara li esaminat dawn l-artikoli din il-qorti taqbel li r-rikors odjern gie regolarment intavolat fit-termini tal-**artikolu 378 tal-Kap 12**. Huwa minnu li fir-risposta taghha s-socjeta' intimata Rema Maritime Limited issollevat eccezzjonijiet li jirrigwardaw l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti oltre kwistjoni ta' *applicable law* u l-indagni li ghandha ssir mhix wahda limitata imma jenhtieg aktar approfondiment guridiku u fattwali.

Illi izda, t-test uzata mill-legislatur jirreferi ghall "rikors" semplici meta gja kien hemm distinzjoni bejn rikors u rikors guramentat . Dan ma jeskludix li l-proceduri odjerni jigu trattati bhala kontestazzjoni avversarja daqsliekieku gew introdotti b'rikors guramentat . Anzi hekk jimmeritaw.

Illi fil-mori tal-ahhar differiment is-socjeta' intimata ipprezentat nota datata is-16 ta' Gunju 2017 li, izda,

tindirizza l-mertu tal-kaz u ghalhekk mhix ser tigi kkonsidrata ghall-fini ta' dan id-digriet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tordna l-prosegwiment tar-rikors fit-termini tal-artikolu 378 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jigu determinati mad-digriet finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2017**